**MINUTI** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**

**Laqgħa Numru 46**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 26 ta' Lulju 2022, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
George Muscat – Kunsillier
Martina Grech – Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
Doris Zammit - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Abigail Sammut – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Minuti**

**46.1 Mozzjoni Nru 110 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

*Nipproponi li l-Kunsill Lokali japprova n-nomina tas-Sinjura Doris Zammit sabiex timla l-post vakanti bħala kunsillier, f'isem il-Partit Nazzjonalista.*

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** stieden lis-Sjra Doris Zammit flimkien mal-Kummissarju tal-Ġustizzja sabiex tingħata l-ġurament ta' kunsillier.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** feraħ lis-Sjra Doris Zammit u stedinha tingħaqad mal-kumplament tal-membri għall-ewwel laqgħa tagħha bħala Kunsillier.

**Il-kunsillier Doris Zammit** irringrazzjat lill-membri tal-fiduċja u bħalma wegħdet fil-ġurament li ħadet, se tara li taħdem għal ġid komuni tar-residenti ħutha, Qriema.

**46.2 Approvazzjoni Minuti Nru 45**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 45, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall- approvazzjoni.

Il-Kunsillier Carmel Cuschieri ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 43 ġew approvati b'mod unanimu

**46.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**46.3.1** **Is-Sindku Josef Masini Vento** nfurma li l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart qed jitlob żieda ta' € 250 kuljum. Is-Sindku nfurma li l-kuntratt skada iżda kien direzzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex il-kuntratt jiġġedded sakemm jibda l-kuntratt il-ġdid tar-Reġjun. Is-Sindku qal li dan ifisser spiża ta' € 1,000 fil-ġimgħa, liema spiża se titfa piż finanzjarju fuq il-Kunsill.

Ġie deċiż li jintbagħat komunikat għal direzzjoni lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**46.3.2 Espressjoni ta' Nteress – Milied 2022**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill se jkun qed japplika għall-Espressjoni ta' Nteress – Milied 2022.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ta spjega dwar l-applikazzjoni li se tkun qed titressaq applikazzjoni għal xahar attivitajiet, b'budget ta' € 45,000.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu li japplika għal din l-iskema.

**46.3.3 Skema – Clean Up the World**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill se jkun qed japplika għall-iskema Clean Up the World, fejn se jkunu qed jitressqu stimi għall-installar ta' CCTV Cameras f'żoni li huma suġġett għar-rimi ta' skart fil-lokalita'.

**46.3.4** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li kellu bosta lmenti dwar ħmieġ f'Wied is-Sewda, fejn wara site inspection li għamel personalment, irriżulta li l-ħmieġ li hemm jinsab fil-konfini ta' Ħ'Attard. Il-Kunsillier Carmel Cuschieri ppropona li ssir laqgħa mas-Sindku tal-lokalita' ta' Ħ'Attard sabiex naraw hux possibli li din il-problema tiġi ndirizzata b'mod konġunt.

**46.3.5** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-librerija lokali ġiet trasferita f'garaxx privat, sakemm isiru x-xogħlijiet fl-iskola primarja. Id-Dipartiment tal-libreriji qed jitlob li jiġi nstallat air-condition unit f'dan il-garaxx. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li diġa tkellmet mad-Direttur tal-istess dipartiment, fejn infurmatha li ġaladarba dan il-garaxx huwa privat, il-Kunsill ma jistax jinstalla air-condition unit, iżda offriet li jsir portable air-condition, dan meta tqis li skont l-informazzjoni li ngħatat il-librerija mistennija tiġi rilokata lura fl-iskola sal-aħħar tas-sena.

Il-Kunsill approva li jinxtara portable air-condition.

**46.3.6** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-kuntratt il-ġdid tal-letrina ġie ffirmat. Il-Kuntrattur il-ġdid għamel site inspection fit-tlett letrini u sab bosta ħsarat.

Ġew ippreżentati tlett kwotazzjonijiet għall-manutenzjoni meħtieġa.

Il-Kunsill approva l-kwotazzjonijiet imressqa.

**46.3.7** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri tixtieq tagħmel bust li jfakkar lill-mibki Mro Abel J.Mizzi, fejn talbu l-assistenza tal-Kunsill sabiex l-applikazzjoni ssir mill-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bħala spejjeż, kulma se jkun hemm hu € 50 tal-applikazzjoni.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu li ssir l-applikazzjoni kif mitlub.

**46.3.8** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li bħalissa qed jinġabru stimi sabiex isir restawr tal-Madonna tal-Bon Kunsill fi Triq il-Kbira ma Triq Correa. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ġiet ippreżentata stima ta' madwar €650 sabiex jinxtara l-injam sabiex issir in-niċċa.

Il-membri talbu li jiġi ppreżentat id-disinn tan-niċċa sabiex jifhmu eżatt għaliex l-istima telgħet daqshekk.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill ingħata l-approvazzjoni tas-sidien responsabbli mill-istatwi ta' San Pawl, San Ġorġ u San Ġużepp li jinsabu fi Triq il-Mitħna u Triq San Pawl rispettivament, sabiex isir restawr fuq dawn l-istatwi mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li se jkunu qed isiru l-permessi meħtieġa sabiex isir ir-restawr meħtieġ.

**46.2.9** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma l-Kunsill għadu qed jistenna l-Clearance tad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex ikun possibli li l-applikazzjoni tal-Awtorita tal-Ippjanar tiġi pproċessata.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** staqsa hux possibli li jingħata r-referenza tal-applikazzjoni sabiex jivverifika x'qed jiġri.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** spjega li jekk l-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar taqa', il-Kunsill jgħaddi r-responsabbiltajiet kollha tal-ġnien lid-Dipartiment tal-Artijiet. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal ma' jistax ikun li l-Kunsill jibqa' jiġi mwaqqaf milli jagħmel proġetti minħabba sistemi burokratiċi u dipartimenti li mhux jiffunzjonaw. Is-Sindku saħaq li dan id-dewmien mhux aċċettabbli għaliex dan kollu qed itellef lir-residenti Qriema minn proġetti ta' tisbiħ tal-ġonna tal-lokalita'.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li wara li saret pressjoni ma Sports Malta jidher li nbeda x-xogħol ta' manutenzjoni tal-Qormi Sports Complex. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li l-Kunsill mhux se jibqa' jittollerra aktar ħsarat u vandaliżmu fil-lokalita' u l-Kunsill se jkun qed jippubblika filmati ta' persuni li jħammġu t-toroq u jagħmlu vandaliżmu. Dawn l-atti qed isiru f'postijiet governattivi u pubbliċi u għaldaqstant il-Kunsill mhux se jiddejjaq juri lil dawn il-persuni li m'għandhom rispett lejn ħadd.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma' l-kwistjoni tal-att vandalu li twettaq fuq is-Salib tad-Dejma, fejn jidher li l-proċess legali huwa wieħed kajman ħafna. Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa hux possibli li l-Kunsill jieħu parir legali mill-avukat tal-Kunsill u jekk huwa possibli tinfetaħ kawża Ċivili sabiex min hu responsabbli jħallas tad-danni. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46.2.10** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li ż-żewġ festi tal-lokalita' għaddew b'wiċċ il-ġid, fejn ir-residenti ċċelebraw żewġ festi kbar b'aħjar mod possibli. Is-Sindku nfurma li kemm l-għaqdiet kif ukoll ir-residenti urew is-sodisfazzjon tagħhom għal mod professjonali kif sar it-tindif tat-toroq u s-servizzi provduti bħalma kienu l-mobile toilets.

## 46.3 MOZZJONIJIET

### 46.3.1 Mozzjoni Nru 111 imressqa mill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli

Nipproponi li l-fetħa bejn Triq il-Bħajra u Triq Naħal, preżentament bla isem, tiġi msemmija għal Dun Feliċ Tabone li ħadem ħafna fl-inħawi fejn kien hemm il-Kappella tar-Ragħaj it-Tajjeb.

**Il-Kunsilier Marvin Zammit** issekonda l-mozzjoni.

Ivvutaw favur 10 (għaxar) kunsilliera preżenti.  Ma kien hemm l-ebda vot kontra u ma kien hemm l-ebda astenzjoni.

Il-mozzjoni ġiet approvata b'mod unanimu.

### 46.3.2 Mozzjoni Nru 112 imressqa mill-Kunsillier Daniel Ablett

Minħabba li fejn il-kumpless sportiv ta' Qormi fc, ikun ifrekwentat minn ħafna tfal u żgħażagħ, ta' spiss mal-art jiġi mormi l-iskart fi Triq il-Belt Valletta, nipproponi li jiġu nstallati żewġ bins, bil-għan li jitnaqqas ir-rimi ta' skart fit-triq.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** issekonda l-mozzjoni.

Ivvutaw favur 10 (għaxar) kunsilliera preżenti.  Ma kien hemm l-ebda vot kontra u ma kien hemm l-ebda astenzjoni.

Il-mozzjoni ġiet approvata b'mod unanimu

## 46.6 ĦWEJJEĠ OĦRA

**46.6.1** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma lill-membri bin-nuqqas ta' servizz mill-Kuntrattur tan-Non Urban, fejn qal li l-Kunsill issa ma jistax jibqa' jittollerra li jiġi njorat mill-kuntrattur u x-xogħol ferm meħtieġ, ta' tindif, fit-toroq tal-kampanja, jibqa' ma jsirx.

**46.6.2** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li dan kollu huwa dokumentat f'korrispondenza li ta' kuljum tintbagħat mill-uffiċċju, lill-Kuntrattur, permezz tal-emails.

Fid-dawl ta' dan in-nuqqas ta' servizz u fid-dawl li l-istess kuntrattura bqa' jinjora l-obbligi tiegħu naxxenti mill-istess kuntratt, b'mod immedjat il-Kunsill se jkun qed jittermina l-kuntratt mal-kumpanija WM Enviromental.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jiġi tterminat il-kuntratt.

**46.6.3** **Il-Kunsillier Dr. Sean Apap Meli** nfurma lil dawk prezenti sabiex ikun magħruf minn kulħadd li dak il-kunsillier li mar jgħid lir-residenti ta' Triq l-Għargħar 1979 fost oħrajn, li bħala kunsillier responsabbli mill-infurzar m'hu qed isir xejn. Ghalhekk ingibdet l-attenzjoni li dak il-kunsillier tajjeb ikun jaf li l-Kunsillier Apap Meli ilu snin mhux responsabbli mill-infurzar u ghalhekk ikun tajjeb li jkun jaf x'inhu jigri madwaru dan l-istess kunsillier.

## 46.7 Skeda ta' Ħlasijiet

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Ġunju 2021.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** issekondat.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' Ħlasijiet.

**46.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.45p.m. u ġiet aġġornata għall-**Erbgħa, 31 ta' Awwissu 2022**

Konfermati, illum 31 ta' Awwissu 2022

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| ______________________________ | ______________________________ |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |